MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2006

Numru 673/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JASON AGIUS**

**VS**

**JOSEPH SALIBA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Saliba, ta’ 42 sena, bin Roque u Josephine nee’ Ellul, imwieled il-Gudja nhar il-11 ta’ Lulju, 1964, residenti fil-fond numru 19, Maranatha, Triq l-Ghelejjel, Gudja, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 389164 (M);

Akkuzat talli:

1) Nhar it-8 ta’ Lulju, 2006, ghall-habta tas-sitta ta’ fil-ghaxija, fl-inhawi tal-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, fil-limiti tal-Gudja, ikkommetta serq ta’ aktar minn ghaxar liri

maltin (Lm10.00), izda inqas minn mitt lira maltin (Lm100.00), ghad-detriment ta’ Sergio Camilleri u Top Car Services Ltd, liema reat hwua kkwalifikat bil-vjolenza, meta sar flimkien ma theddid bil-fomm ta’ offiza fuq il-persuna u ta’ hsara fil-proprjeta’;

2) U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, uza l-vjolenza sabiex igieghel lil xi persuni jaghmlu, ihallu ssir, jew jonqsu milli jaghmlu xi haga;

3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU 194, b’mod perikoluz;

4) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f’post pubbliku qal kliem oxxen jew indicenti u offenda l-morali, l-imgieba xierqa, jew id-dicenza pubblika;

5) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

6) U fl-ahharnett talli fl-istess jum, ghall-habta tas-seba’ ta’ fil-ghaxija, uza mezz ta’ telekomunikazzjoni mhux ghal ghanijiet provduti.

Wara li id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkusnidrat:

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 338, u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 15 (1)(a) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Joseph Saliba hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ *Probation*

ghal zmien sentejn (2), *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre* tordna il-hrug ta' garanzija favur il-*parti civili* Sergio Camilleri u Aurelio Camilleri, *ai termini* tal-Artikolu 383, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu ta' sena (1), taht penali ta' mitt lira maltin (Lm100.00).

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------